

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2022 – BIW Invest vs EUIPO – New Yorker Marketing & Media International (Compton)**(Kawża T-747/22)**

(2023/C 24/105)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: BIW Invest AG (Appenzell, l-Isvizzera) (rappreżentanti: E. Mielke, U. Stelzenmüller u J. Weiser, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: New Yorker Marketing & Media International GmbH (Braunschweig, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Compton – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Nru 15 578 776

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Settembru 2022 fil-Każ R 1913/2021-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u, jekk ikun il-każ, lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell, għall-ispejjeż ta' din il-kawża u għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.